# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 9 ta' Marzu 2001

Rikors numru 1029/99 AJM

Kawza numru

Fl-atti tal-mandat ta' Qbid numru 719/99 fl-ismijiet:-
Paul Caruana

Vs

Rudolphe Gaerty

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Rudolphe Gaerty presentat fil-5 ta' Mejju 1999 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-mandat fuq imsemmi a termini ta' l-artikolu 836(1) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ta' Paul Caruana presentata fl-1 ta' Gunju 1999 fejn oppona t-talba tar-rikorrent u talab li din tigi michuda.

Hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

Ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti li tat lok ghall-mandat fuq imsemmi u ghal proceduri presenti hija regolata b'kuntratt ta' cessjoni ta' negozju datat 16 ta' Gunju 1997 meta l-intimat odjern ittrasferixxa l-interess li huwa kellu f'negozju gestit bl-isem S.C.I. koncernat principalment fl-operazzjoni ta' "head-hunting business" intiz biex jlaqqa "employers" u "employees" fuq skala internazzjonali.

In forza ta' l-istess kuntratt r-rikorrent odjern obbliga ruhhu li jaghmel diversi pagament ta' ammonti determinati, kif ukoll li jhallas percentagg fuq in-negozju fuq perjodu ta' cirka hames snin.

L-intimat jisostni li r-rikorrent mhux qed jonora l-obbligi tieghu u l-pagamenti dovuti, specjalment dawk li ghad iridu jigu likwidati a bazi ta' "*invoicing*" li jsir mir-rikorrent odjern lis-socjeta' "madre" estera. Kien ghalhekk li l-intimat, wara ezercizzju ezegwit minnu li wassal ghal fissazzjoni "ex parte" ta' somma dovuta lilu, dejjem a termini tal-istess obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt fuq imsemmi, ipproceda b'citazzjoni kontra r-rikorrent odjern ghal-likwidazzjoni u kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu u fl-istess hin talba u ottjena l-hrug ta' mandati ta' sekwestru u ta' qbid kontra r-rikorrent odjern.

Dawn il-mandat, li jissemmew fir-rikors promotur, gew revokati minn din il-Qorti diversament preseduta b'digriet tas-16 ta' April 1999 wara li dik l-istess Qorti osservat li "Mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta b'mod sufficjenti li l-imsemmija provedimenti (u cioe is-subincizi (d) u (f)

tas-subartikolu (1) tal-Art. 836 tal-Kap 12) huma applikabbli u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu akkolti.” L-istess Qorti ziedet tghid li “Difatti jidher illi l-pretensjonijiet tal-intimat (Caruana), kif dedotti fi tlett atti kawtelatorji in kwistjoni, ghandhom semmai jigu diretti kontra terzi u mhux kontra r-rikorrent.”

Qabel ma gie pronunzjat dan il-provediment – u cioe fit-23 ta’ Frar 1999 - l-intimat odjern rega talab il-hrug ta’ mandat ta’ qbid iehor (li huwa mertu ta’ dan ir-rikors) ghall-istess somma u fuq l-istess bazi biss f’dan il-mandat il-gdid il-kreditur Caruana iddikjara illi l-mandat kien qed jintalab billi “bil-mandat ta’ qbid 751/98 (u cioe wiehed minn dawk il-mandati li sussegwentement gew annullati bid-digriet fuq imsemmi) gew elevati oggetti proprjeta’ tal-intimat debitur li fil-fehma tal-esponent ma jikkawtelawx il-pretensjoni tieghu u ghalhekk kellu jsir dan il-mandat.”

Fl-udjenza tat-18 ta’ Frar 2000 ir-rikorrent iddikjara li t-talba odjerna ghar-revoka tal-mandat hija bazata fuq zewg punti u cioe:

a) billi dan il-mandat huwa identiku ghal-mandati ohrajn ta’ sekwestru u qbid li gew revokati b’digriet tas-16 ta’ April 1999, u
b) illi kif jidher mid-digitura fir-rikors ghat-talba ghal hrug tal-mandat dan huwa *sussidjarju* ghal mandat ta’ qbid numru 751/98 u ghalhekk jekk dan gie revokat, dan il-mandat m’ghandux jibqa’ jsehh.

Ikkunsidrat:-

It-talba ghar-revoka tal-mandat, apparti dak li gie sottomess mid-difensur tar-rikorrent fl-udjenza tat-18 ta’ Frar 2000, hija ukoll bazata fuq

is-subincizi (d) u (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12. Dawn jawtorizzaw il-Qorti li tirrevoka in toto jew in parti mandat kawtelatorju wara talba *ad hoc* tal-parti interessata, meta jirrizulta li jew l-ammont pretiz huwa eccessiv, jew prima facie ma jkunx dovut, jew finalment meta jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragionevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Ir-rikorrent strah biss fuq id-dokumenti ezebiti minnu in sostenn tat-talba tieghu u sahansitra irrinunzja ghad-dritt tal-kontro ezami tax-xhieda pjuttost dettaljata ta' l-intimat. Fost id-dokumenti ezebiti insibu l-iskrittura tas-16 ta' Gunju 1997 li permezz taghha l-intimat ittrasferixxi l-interessi tieghu fin-negozju fuq imsemmi lir-rikorrent. Kif gja inghad din l-iskrittura tohloq certa obbligi principalment fuq r-rikorrent odjern li ghandu jhallas ammonti ta' flus lill-intimat, bhala konsiderazzjoni ta' dan it-trasferiment. Ir-rikorrent qed isostni li anke jekk l-intimat huwa kreditur ta' xi ammont dan ghandu jithallas minn terzi persuni billi huwa (u cioe l-istess rikorrent) iddelega lis-socjeta' S.C.I. (U.K.) biex thallas direttament lill-intimat l-ammonti lilu dovuti.

Bir-rispett kollu ghal abbli difensur tar-rikorrent u ghall-pronunzjament gudizzjarji precedenti ta' din il-Qorti diversament preseduta, tali delega ma tohloq ebda irbid bejn l-intimat odjern u s-socjeta' estera S.C.I. (U.K.) billi din qatt ma ifformat parti mill-kuntratt li bih l-intimat ittrasferixxa n-negozju tieghu lir-rikorrent. Ghalhekk f'kaz li din tonqos li taghmel dawn il-pagament l-intimat Caruana ma jkunx jista' jipprocedi gudizzjarjament ghal kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu kontra l-istess socjeta' estera. L-obbligi ta' hlas kien u jibqa' tar-rikorrent li ntrabat jaghmel dawn il-pagament skond l-imsemmija skrittura.

Illi dwar l-ammont pretiz jidher li r-rikorrent, ghalkemm mhux qed jaccetta l-ammont kawtelat mill-intimat bil-mandat fuq imsemmi, ma ressaq ebda prova kontrarja. Ghal kuntrarju l-intimat ressaq sew ix-xhieda tieghu guramentata kif ukoll ppresenta kopja ta' ittra tad-difensur tieghu tat-22 ta' Lulju 1998 indirizzata lis-socjeta' estera fejn il-"*claim*" tieghu giet presentata. Inoltre giet presentata kopja ta' ittra ufficjali tal-4 ta' Mejju 1999 indirizzata lir-rikorrent odjern minn fejn jidher it-thassib serju tal-intimat fil-gestjoni, da parti tar-rikorrent, tan-negozju trasferit, kif inghad fuq. Dan it-thassib jwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-mandat kien gustifikat u ghandu jinzamm fis-sehh. Jinghad ukoll li ma ingiebet ebda prova li turi li l-ammont kawtelat kien eccessiv.

Ghalhekk it-talba kif proposta a bazi tas-subartikoli fuq imsemmija ma tistax tirnexxi.

Ikkunsidrat:-

Illi dwar dak li inghad mid-difensur tar-rikorrent fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2000, kif fuq riportat, jigi rilevat li, ghalkemm il-bazi tal-mandat odjern dejjem kienet l-iskrittura tas-16 ta' Gunju 1997, sew fil-kaz tal-mandati revokati sew f'dan, jibqa' dejjem il-fatt li dan il-mandat intalab billi l-pretensjoni tal-kreditur Caruana ma kienetx kawtelata b'dak li inqabad bil-mandati precedenti. Isegwi li tali mandat seta' jinhareg specjalment meta it-talba ghal hrug tieghu saret qabel l-provediment tal-Qorti li permezz tieghu gew revokati l-mandati imsemmija.

Fl-ahharnett jigi rilevat ukoll li kull mandat huwa att indipendenti minn kull att jew mandat iehor u l-kuncett ta' "sussidjarjieta'" imsemmija mir-rikorrent ma issibx konfort fil-ligi taghna.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjes.

Onor Imhallef Albert J. Magri